MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 486/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Jacques Lucien Scerri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jacques Lucien Scerri ta' 29 sena, bin Michael u Maria Dolores nee' Abdilla, imwieled St Julian's fit-28 ta' Lulju 1979 u residenti 'Villa Romana' Dahlet il-Fawna, Madliena u detentur tal-karta tal-identita' numru 430079(M);

F' Dicembru 2008, u fil-gimghat precendenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta'

ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Andrew Cortis detentur tal-karta tal-identita’ numru 478583(M), ai terminu ta’ l-artikoli 308,309 u 310 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’ Mejju 2009 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi dawn il-proceduri gew intavolati wara li fl-20 ta’ Jannar 2009 l-allegat vittma Andrew Cortis irraporta lil Pulizija li f’Dicembru 2008 huwa kien ra television tal-marka Techwood full HD 42 inch reklamat mic-Centro Casalinga ta’ Santa Venera ghall-prezz ta’ €930 fil-Bargain Magazine. Dan Cortis sostna li fit-3 ta’ Dicembru 2008

huwa mar fl-imsemmi hanut u ordna dan it-television. Il-ftehim kien li dan it-television kellu jigi konsenjat fir-residenza tieghu u jsir il-pagament effettiv tal-prezz miftiehem. Meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta Jannar 2010 dan Cortis spjega li meta saret il-konsenja tat-television minn Centro Casalinga kien hemm il-mara tieghu id-dar u din accettat il-konsenja u hallset minghajr ma vverifikat x'kien gie konsenjat u hallset il-prezz miftiehem. Cortis jghid li wara rrizulta li t-television konsenjat kien tal-marka Vestil u kien HD ready u mhux full HD bhal ma kien ordna hu. Meta huwa mar fl-imsemmi hanut u tkellem mal-imputat dan l-ewwel qallu li kien ser jindaga u jara x'gara u imbaghad qallu li kull ma seta jofrielu kien li jew jaghtih it-television li kien hemm on display fix-showroom jew altrimenti jaghtih credit note. Cortis spjega li huwa xtaq full refund u mhux credit note u ghalhekk l-ewwel ghamel ilment mad-Dipartiment tal-Konsumatur u sussegwentement ghamel rapport lil Pulizija.

L-imputat Jacques Lucien Scerri rrilaxxja stqarrija lil Pulizija [1] fejn huwa spjega li t-televisions li kienu qed jigu reklamati fuq il-Bargain Magazine kienu fil-fatt HD ready u huwa cahad kategorikament li kien b'xi mod inganna lill-imputat. L-imputat ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri [2] fejn spjega li meta Andrew Cortis kien mar is-showroom tac-Centro Casalinga u ordna t-television l-anqas biss kien qdieh hu izda kien assistih impjegat tieghu, certu Kenneth Francica, u huwa kien intervjena biss fil-kwistjoni dejjem tramite Kenneth dwar il-prezz globali tal-oggetti kollha ordnati minn Cortis dakinhar. L-imputat spjega wkoll li ntervjena wkoll missieru, Michael Scerri, li dahal fix-showroom waqt li Cortis kien qed jinqeda minn Francica u peress li gharfu ghaliex kien klijent tieghu u bhala sinjal ta' rieda tajba offrielu li minflok it-television li kien qed jara on display fix-showroom seta' jikkonsenjalu television iehor tal-marka Vestil li kien ser jasal il-gimgha ta' wara liema television kien verzjoni aktar moderna ta' dak on display. L-imputat spjega li t-televisions Techwood

[1] Inserita a fol. 18 u 19 tal-atti processwali.
[2] Xhieda relattiva nserita a fol. 52 sa 56 tal-atti processwali.

u Vestil huma identici u huwa biss il-brand name li huwa differenti izda l-ispecifications huma l-istess. L-imputat cahad li meta ordna it-television Cortis kellu xi magazine fil-pussess tieghu u spjega li meta huwa vverifika mal-Maltapost u mal-kumpanija li ppublikat il-magazine gie kkonfermat li dan gie mqassam fid-djar fil-5 ta' Dicembru 2008 u cioe' wara li Cortis kien mar ix-showroom u ordna it-television in kwistjoni. Dak kollu li xehed l-imputat gie korroborat minn Kenneth Francica u minn Michael Scerri [3].

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat f'dawn il-proceduri qed jigi akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li anki jekk ghall-grazzja tal-argument kellha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Andrew Cortis u cioe' li huwa ordna it-television set reklamat mic-Centro Casalinga fil-Bargain Magazine xorta wahda ma jistghax bl-ebda mod jitqies li gie effetwat xi ingann jew xi messa in scena jew li altrimenti inghadet xi gidba da parti tal-imputat fil-konfronti ta' Cortis. Dan jinghad ghaliex fir-reklam li jidher fil-Bargain magazine esebit mill-istess Cortis u li jinsab inserit a fol. 32 tal-atti processwali hemm indikat li t-television reklamat huwa HD ready. Il-Qorti izda jidrilha li ma tistghax temmen il-verzjoni ta' Cortis u cioe' li huwa ordna it-television indikat fil-magazine ghaliex mill-provi prodotti mill-imputat jirrizulta li dan il-magazine gie mqassam fid-djar wara li Cortis ordna it-televison. Fi kwalunkwe kaz mill-provi rrizulta wkoll li ma kienx l-imputat li ha l-ordni ta' Cortis u li indika l-ispecifications tat-television ordnat izda dan sar minn Kenneth Francica u minn Michael Scerri. Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti assolutament ma jirrizultax li kien hemm xi messa in scena jew xi raggiri effetwati mill-imputat fil-konfronti ta' Andrew Cortis. Jidher car li Cortis qed jipprova jitrasforma kwistjoni srettament ta' natura civili f'wahda ta' natura kriminali billi jallega li sar xi forma ta ingann da parti tal-imputat, haga li kif ghadu

[3] Li xehdu fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2010.

kemm inghad aktar ‘il fuq, assolutament ma tirrizultax mill-provi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------